MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Avviz Numru. 62/2010

**Lawrence Cuschieri**
**vs**

**Victor Galea u Coralline Stone Malta Ltd. (C28298)**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-26 ta' Frar 2010, permezz ta' liema l-attur talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh is-somma t'erbat elef u hames mitt Ewro (€4,500) jew ammont iehor verjuri rapprezentanti self *brevi manu* lilhom maghmul bl-imghax skond il-Ligi sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali numru 5016/09.

Rat illi fil-15 ta' Frar 2011 deher il-konvenut Victor Galea w ta ruhu b'notifikat bl-atti tar-rikors odjern u f'dik is-seduta l-Qorti akkordatlu zmien sabiex jipprezenta l-

eccezzjoniujiet tieghu. Dan nonostante pero' huwa baqa' ma pprezenta l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet.

Semghet lill-attur **Lawrence Cuschieri** jixhed fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011 u jikkonferma li huwa kien silef is-somma ta' sebat elef Ewro (€7,000) lill-konvenut Victor Galea w dan kien hallsu lura biss is-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000), u li ghalhekk l-ammont dovut mis-sorte illum huwa t'erbat elef Ewro (€4,000). Ikkonferma wkoll li l-konvenut Victor Galea dejjem jghidlu li kien ser ihallsu, izda baqa' inadempjenti fil-hlas, u hu ghalhekk li huwa qed jinsisti ghas-sentenza.

Rat illi s-socjeta' konvenuta Coralline Stone Malta Limited ma gietx notifikata skond il-Ligi.

Illi fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011, l-konvenut ma deherx biex jikkontesta t-talba rikorrenti, w lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-atttur jghid li d-debitu ghadu dovut izda f'ammont izghar, u cioe' fl-ammont t'erbat elef Ewro (€4,000), issib li t-talba tieghu tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma t'erbat elef Ewro (€4,000) u tikkundanna lill-konvenut Victor Galea ihallas lill-attur din l-istess s-somma t'erbat elef Ewro (€4,000) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, u qieghda tichad it-talba attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.**

**Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 5016/09 kontra l-konvenut Victor Galea w bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali lilu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------